MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Numru 700/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**versus**

**Mark Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mark Grech ta' 28 sena iben Anthony u Maria nee Attard mwieled San Ġwann fil-25 ta' Awissu 1975 u residenti 31 Triq Luqa Briffa Ġżira, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 399575(M).

Akkużat talli frl-10 ta' Awissu 2004 u fi żmien qabel f'B'Kara u fi bnadi oħra f'dawn il-Ġżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. Xjentement qiegħed fic-cirkolazzjoni, biegħ jew żamm għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbżin b'qerq u cioe *garage type locks* mmarkati 'FF' u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Bi qliegħ jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, ddupplika jew mod ieħor pproduca jew kkopja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejħ jew biex jqassam xi artikolu jew xi ħaga oħra u cioe software tal-computers bi ksur ta' jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u cioe' 'FF' *garage type lock,* li tagħhom s-socjeta F.lli Facchinetti srl ta' Via Montenero 10, Lumezzane Pieve (Briescia) Italy u socjetajiet oħra rappreżentata minn J. Gauci Borda hija rappreżentanti, protetti bil jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat 3995 tas-sena 1975, il-fedina penali tiegħu, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-ittra magħmula minn F.illi FAcchinetti sabiex jitteħdu l-passi kontra dawk il-persuni residenti f'Malta li qed jimpurtaw jew jbiegħu serraturi u lukketti tal-marka F.F b'mod frawdulent u llegali (fol 13 u 14); l-ittra minn Dr. Ludvic Caruana lill-ispettur Bernard Zarb fuq inkarigu ta' Joseph Gauci Borda biex jieħu passi a bażi ta' l-ittra mibgħuta lilu minn Joseph Gauci Borda ta' l-10 ta' Awissu 2004 kontra l-imputat peress illi jirriżulta li reat taħt l-Artikolu 298(B); l-ittra mibgħuta lil Joseph Gauci Borda ta' l-10 ta' Awissu 2004, fol 16 u 17, lista ta' l-affarijiet li kienu elevati mingħand l-imputat fl-10 ta' Awissu 2004, fol 18; l-istqarrija magħmula mill-imputat, fol 19 u 20; lista oħra din id-darba ta' items illi kienu elevati fit-12 ta' Awissu 2004 mill-pulizija u tirreferi għal 11 secuirty locks mmarkati FF; il-verbal a fol 67 li fih l-imputat qal li ma għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu sommarji; ir-rapport imħejji mill-espert maħtur mill-Qorti jiġifieri Louis Pace u rat id-dokumenti illi jidhru a fol 104 et tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjon ta’ l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Skond ix-xhieda mogħtija mill-ispettur Bernard Zarb, il-pulizija kienet rċeviet rapport mingħand is-Sinjuri Gauci Borda li huma sole representatives ta’ Fratelli Facchinetti li hija kumpanija Taljana. Il-kumpanija kienet tablet lil Joseph Gauci Borda biex jittieħdu passi minħabba li kien hemm xi items li kienu kkupjati. Dawn kienu sabu illi wieħed mill-importers kien certu Kram Trading li jinsab 23 G Dimech Debono Street B’Kara. Il-pulizija kienu marru għand l-imputat u dan kien qallhom li kien importa affarijiet miċ-China. Hu ma kien talab għall-ebda ditta partikolari. Dawn qabdu u bagħtu l-locks bil-logo FF fuqhom. Huwa ma kienx bagħthom lura lejn ic-China minħabba li kienet ser tiġih spiża. Beda jneħħilhom il-kaxxi u beda jbiegħhom. L-imputat indikalu 50 kaxxa u kien fadallu 47 jiġifieri l-maġġor parti tagħhom. Dawn kienu elevati dak il-ħin u 4 jew 5 kaxxi vojta minn dawk li kien qed jbiegħ minnhom.

<u>Stqarrija ta’ l-imputat</u>

L-imputat qal illi huma kienu jimpurtaw varjeta ta’ għodda u affarijiet relatati. Huwa kien ordna diversi items mic-China u fosthom kien hemm dawn il-locks. Huwa kien ordna code number HAD60 u talab 10 tużżani minn dawn is-serraturi. Meta wasal ix-xogħol induna li s-serraturi ġew bil-kliem tad-ditta FF u kellu l-kliem ‘Made In Italy’ stampat fuqhom. Huwa ndunaw li s-serraturi li ordnaw ma ġewx kif xtaqu huma u cioe mingħajr ditta. Iżda ġew b’label ta’ ditta FF. L-imputat qal li kien jaf li d-ditta FF jimpurtaha Gauci Borda. Huwa ddeċieda li x-xogħol li joħroġ lill-ħwienet ma joħorġux fil-kaxxa biex jevita l-inkwiet ma Gauci Borda. Mill-10 tużżani, l-pulizija sabu għandu 8 tużżani u għal hekk hu kull ma kien laħaq biegħ kien 2 tużżani. Huwa kien lest li jġib ix-xogħol lura u jgħaddieh lill-pulizija. Dwar il-prezz, huwa qal illi għall-ħwienet kienu

joħorġuh LM2.95. Huwa kkonferma li lil Mtarfa Ironmongery kien begħlu. Qal wkoll li kien jaf li Gauci Borda għandu drittijiet ta' import u huwa prokuratur legali għad-ditta Fratelli Facchinetti. L-imputat qal illi kien jaf li għamel żball pero l-ammont li kienu bagħtulu kien tant żgħir li ma kienx vijabbli li tibgħatu lura lejn ic-China. Huwa kien jaf li ma tistax tbiegħ materjal kkupjat hu mhux avukat. Huwa qal li kien lest li jiskuża ruħu ma Gauci Borda u lest li jirrimedja għall-iżball tiegħu.

Xehed Joseph Gauci Borda li qal li huwa jirrappreżenta lid-ditta Fratelli Facchinetti bit-trade mark FF. Ikkonferma li kien għamel rapport lill-pulizija dwar serraturi tal-marka FF counterfeit. Huma kienu marru jixtru waħda mingħand tal-ħanut u imbgħad marru għand l-avukat tagħhom minħabba illi Fratelli Facchinetti kienu tawhom instructions bil-miktub biex jmexxu kontra min kien qed jabbuża.

Xehed Louis Pace li kien l-espert maħtur mill-Qorti biex jeżamina l-esebit illi kien ġabar mingħand l-ispettur Cordina u l-esebit mingħand Gauci Borda. Ix-xhud qal illi waħda minnhom tirriżultalu li hija FF magħmula mid-ditta Taljana FF li tfisser Figli Facchinetti. Din id-ditta timmanifattura dawn is-serraturi fl-Italja biss.

Is-serratura li nġabet mingħand l-ispettur Cordina kienet wkoll msemmija FF. Biss hemm differenzi kbar bejn dak li nġabar mingħand l-ispettur Cordina u li l-espert jirreferi għalih bħala exhibit A u l-oriġinal li hu jirreferi għalih bħala E60.

Il-kostruzzjoni tas-serratura f'dik oriġinali tidher li hija kostruzzjoni magħmula bis-sengħa u li tagħti assigurazzjoni.

Iżda dik exhibit A hija biss maħluqa bil-għan ta' prezz għaliex il-kostruzzjoni tagħha hija dgħajfa. Iċ-ċililndru huwa tal-plastic waqt li fl-oriġinal dan huwa kollu tar-ram.

Għall-konsumatur, huwa diffiċli biex jgħarafhom mad-daqqa t'għajn biss. Iżda bniedem tekniku jekk jħares lejn iċ-ċavetta nnifisha, mill-ewwel jinduna illi l-oriġinal li tuża

d-ditta hija ħarira iqsar minn dik li ntużat f'dak li qed jissejjaħ exhibit A li nġabar mingħand l-ispettur Cordina. Dan l-espert ħa ritratti u a fol 76 ħareġ ta' l-inqas 8 differenzi bejn l-oriġinal u exhibit A. Per eżempju fl-oriġinal il-kulur huwa light beige. Fil-kopja dan huwa dark beige. Iċ-ċavetta fl-oriġinal hija differenti minn dik fl-exhibit A. Lanqas il-logo FF ma hu identiku. Lanqas l-screws ma huma qegħdin fl-istess posizzjoni. Il-key cylinder li qed jkopri il-plate kien square in shape and in brass finish standard to FF lock. Dak huwa l-oriġinal. Fil-kopja, il-key cylinder li qed ikopri l-plate kien round in shape, minflok kwadru and in white metal finish. Dawn fost differenzi oħrajn li jidhru saħansitra mir-ritratti f'dan il-proċess.

<u>Provi Difiża</u>

Kien l-imputat li minn jeddu għażel illi jixhed u qal li huma kienu għamlu ordni għal locks u padlocks mingħand kumpanija li isimha Egret Hardware. Huma kienu ordnaw il-locks HAD60 minn fuq il-katalgu. Il-brand li kellha fuqha kellha l-kelma 'House'. Kienet l-ewwel darba li kienu importaw garage door locks ta' dik ix-xorta (fol 91). Huma kienu ordnaw 10 tużżani li hija kwantita minima. Irċevew l-invoice oriġinali bil-bill of lading li ġew esebiti wkoll u għaddewhom mid-dwana bi proċedura normali. Sari l-pagament.
Meta bdew jiftħu x-xogħol sabu li l-locks kienu branded FF mingħajr ma kellhom il-kelma 'House' miktuba fuqhom. L-imputat qal illi jaf li FF hija brand li hawn fis-suq u huma ħarġuhom fis-suq bħala ditta FF. A fol 92 huwa qal li bħala parallel trading għax llum parallel trading hija xi ħaġa komuni ħafna. Dawn kienu locks FF li qed jipproduċuchom ic-China bħal ħafna affarijiet oħra. Huwa qal li FF hija ditta Taljana imma llum kulħadd jrid jimxi bic-cheap labour. Huwa ħaseb li kien FF għax ma rax differenza bejn waħda u oħra.

Kienu f'kaxxa u kull ma kienu tnejn tnejn go kaxxa. Fuq il-kaxxa kien hemm FF u l-kliem 'Made in Italy' fuqha. Huma biegħuhom bħala loose għax dherilhom li ma kienux made in Italy. Ma riedux jqarrqu bin-nies u allura

ħarġuhom mill-kaxxi u biegħuhom mingħajr il-kaxxi minħabba li kien hem mil-kliem Made in Italy waqt li huma ġew mic-China. Huwa kien laħaq biegħ xi tużżana. Imbgħad wara inġabru lkoll u tawhom lill-pulizija u allura issa ma hawn xejn minnhom fiċ-ċirkolazzjoni. Huwa qal li bħala parallel trading jifhem li jkun hemm impurtatur li qed jġib ditta u huma minflok jixtru mingħand il-manifattur stess, jkunu qed jixtru mingħand supplier xi mkien ieħor u naturalment qed jġib l-istess oġġett fuq is-suq pero minn sors ieħor. U normalment dan il-prodott jkun ġenwin. Fi 30 sena xogħol ta' missieru, qatt ma kellhom prodott li mhux ġenwin. Li kieku fuq il-katalgu kien hemm FF, l-imputat ma kienx jimpurtahom għax biżżejjed hawn kompetizzjoni fuq is-suq.

Fil-kontro eżami, il-prosekuzzjoni staqsietu a fol 96, 'Ngħid sew li dawn ma humiex oriġinali?' Ix-xhud wieġeb 'Le.' Huwa qal li għax prima facie ma jidhrux. Il-prosekuzzjoni għamlet mistoqsija oħra lill-imputat dwar għala biegħhom mingħajr kaxxi u x-xhud wieġeb li għax kien hemm il-kliem 'Made in Italy' fuqhom. Hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsiet lill-imputat jekk kienx qassamhom loose għax kien jaf li mhux oriġinali, ix-xhud pero wieġeb li le. Il-prosekuzzjoni insistiet a fol 97, ma humiex Made in Italy u kellhom miktub Made in Italy u x-xhud qal li fuq il-kaxxa imma. Il-prosekuzzjoni qalet 'Sewwa wisq, allura l-kaxxa tneħħieha?' L-imputat xehed, 'ma nistax ngħid li huma made in Italy' (fol 97). Il-prosekuzzjoni a fol 97 qalet hekk 'Jiġifieri inti kont taf li ġew manifatturati c-China bil-Made in Italy fuqhom?' Ix-xhud wieġeb 'Fuq il-kaxxa.' Il-prosekuzzjoni hawn hekk qrat l-istqarrija li għamel l-imputat lill-imputat u staqsietu jekk jiftakarhiex u jekk jikkonfermahiex u r-risposta kienet iva. Huwa qal li bażikament fl-istqarrija kien qal l-istess affarijiet li qal fuq il-pedana tax-xhieda. Fl-ebda żmien huma ma kienu jafu li dawn ma kienux ġenwini. Huma dejjem ħarġuhom fis-suq bhala parallel trading. Il-prosekuzzjoni nsistiet li parallel trading hawn ssemmiet u baqgħet tinsisti li l-imputat qed jbiddel il-verżjoni.

L-imputat qal li ma riedx jkollu clash ma Gauci Borda wara li kellhom clash ieħor 10 snin qabel pero ma kien hemm

xejn li mhux ġenwin. Allura biex jippruvaw jtaffu l-biċċa tax-xogħol ħarġuhom loose. L-imputat baqa' jinsisti li hu kien kkopera ħafna mas-Sur Zarb. A fol 101 il-prosekuzzjoni għamlet din il-mistoqsija 'Bil-ġurament tiegħek Sur Grech, tgħid li inti dak inhar ma kellekx suspett li kien hemm xi ħaġa ħazina fihom dawn?' Ix-xhud qal 'Le qatt ma kelli suspett.' Il-prosekuzzjoni 'Avolja kienu bil-Made in Italy?' Ix-xhud 'Għal Lm80 li huma ħmerija, kieku kelli suspett ma kontx ser nidħol f'dan it-trouble li ser jiswini ħafna iktar minn Lm80. Iktar tkun worth it li narmiehom jiena milli naħli dan il-ħin.' Dawn l-10 tużżani lanqas kienu jtellgħu 300Dollar bejniethom, qal l-imputat. Huwa ma kienux reġgħu għamlu korrispondenza ma din il-kumpanija minħabba l-problemi li kellhom. Mistoqsi mill-avukat jekk fuq il-lock itself kienx hemm miktub fejn huma magħmulin, l-imputat qal li le.

## Trattazzjoni

Il-prosekuzzjoni qalet li mir-rapport ta' l-espert jidher ċar li dawn ma kienux oriġinali. Dawn kienu labeled manufactured in Italy meta fil-fatt ġew mic-China. Allura jekk wieħed jirraġuna b'mod normali mill-ewwel jinduna li hemm xi ħaġa li mhix sewwa. Lanqas li oġġett joħroġ mill-EU u imbgħad jerġa jidħol għax dawk huma spejjeż ta' taxxi, ma tantx hija ħaġa li ssir. L-imputat ammetta hu stess li neħħiehom mill-kaxxa. L-aħħar żewġ kelmiet qal, li ħriġthom b'mod sottili.

Għad-difiża l-avukat difensur qal li l-ispettur qed jagħmel ħafna allegazzjonijiet. L-imputat qal li ma kellu assolutament l-ebda suspett li kienu counterfeit. U mhux imdorri ħafna fil-locks u ma fetaħhomx jiġifieri. Fic-China l-liġijiet huma differenti għaliex hemm hekk jistgħu jkunu legali pero hawn Malta ma tistax toħroġ prodott li għandu wrong country of origin u għal hekk ma ħariġhomx fil-kaxxi. Ma riedx jaħbi l-imputat u lanqas kellu faħam miblul jew xi ħaġa hekk. Dwar it-tieni akkuża, din hija limitata għal kotba, mużika u affarijiet hekk. Hawn hekk din hija trade mark u mhux copyright. Hija kompletament differenti. Allura fuq it-298B żgur li ma hemm ebda ksur.

Dwar it-298F, l-avukat għamel enfasi fuq il-kelma ‘knowingly’ jiġifieri li biex ir-reat jeżisti jrid ikun hem mil-prova li jaf li ma kienux ġenwini. L-espert kien li the man in the street ma jgħarafx li huma mill-ewwel ġenwini.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ewwel Imputazzjoni

L-elementi tar-reat li għalih hemm referenza fl-ewwel imputazzjoni, jiġifieri, dak li hemm fil-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 298(1)(f) huma:

(a) Li wieħed ipoġġi fiċ-ċirkolazzjoni jew ibiegħ, jew iżomm għall-bejgħ jew jimporta oġġett ħsieb ta’ kummerċ;

(b) oġġett li għandu marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b’qerq;

(ċ) li jagħmel dan xjentement.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel element u dan għaliex ġabet evidenza li persuna marret tixtri minn għand l-imputat u xtrat l-oġġett – garage type lock tal-marka FF – kif ukoll għaliex meta l-Pulizija marru fil-ħanut ta’ l-imputat huma elevaw 47 + 11 (58) kaxxa li kellhom żewġ security locks kull waħda bil-marka FF u ħames kaxxi vojta. Fuq kollox, fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li kien ordna 10 tużżani minn dawn is-serraturi taħt il-code number HLP 60. Dawn kienu ntiżi biex jinbiegħu u hekk fil-fatt sar għaliex kienu nbiegħu żewġ tużżani.

It-tieni element huwa wkoll ampjament ipprovat minħabba it-tmien differenzi stabbiliti mill-espert maħtur mill-Qorti fir-relazzjoni tiegħu li ma jħallu ebda dubju li l-locks li kienu elevati ma kinux l-oġġett ġenwin tad-ditta Fratelli Facchettini.

It-tielet element huwa x-xjenza da parti ta’ l-impurtat li kien jaf li dawn ma kinux l-oġġett ġenwin. Id-difiża ssottomettiet li l-esert kien qal limad-daqqa t’għajn wieħed

ma jindunax b'dan u għalhekk l-imputat ma setax jinduna li dawn kienu foloz. Ukoll minn fuq il-pedana tax-xhieda, għall-mistoqsijiet tal-Prosekuzzjoni, l-imputat xehed:

'Le qatt ma kelli suspett.' (fol.101).

Il-Qorti ma temminx li l-imputat ma kienx jaf li l-garage locks ma kinux ġenwini. Huwa kien jaf li Gauci Borda jimportaw l-locks tad-ditta FF. Għalhekk iddeċieda li x-xogħol li joħroġ lill-ħwienet ma joħorġux fil-kaxxi. Is-serraturi kienu waslu f'packing ta' FF u kellu l-kliem 'Made in Italy' fuqu meta l-oġġett kien ordnat miċ-Ċina. Li kieku kien ġenwinament każ ta' parallel trading, l-imputat ma kienx ikollu għalfejn ineħħi l-oġġetti mill-kaxxi u lanqas li joħroġhom b'mod 'sottili' biex jevita nkwiet mad-ditta Gauci Borda. Fl-istqarrija l-imputat qal li l-ammont kien żgħir wisq u ma kienx ekonomikament vijabbli għalih biex jibagħtu lura lejn iċ-Ċina. Din ir-raġuni iżda ma tiġġustifkax lill-imputat li jbiegħ l-oġġett in kwistjoni. L-imputat huwa bniedem fil-kummerċ u mhux dak il-bniedem li darba jew darbtejn f'ħajtu jkun xtara serratura għal xi garage u allura ma jindunax li l-oġġett mhux ġenwin. Il-kliem fuq il-kaxxi kien biżżejjed biex jallertja lill-imputat li qed ibiegħ oġġett b'marka maħgmula b'qerq. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat it-tielet element ta' din l-imputazzjoni wkoll.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

Dwar it-tieni imputazzjoni d-difiża ssottomettiet li l-artikolu 298B għandu x'jaqsam ma' ksur ta' copyright. Il- Qorti eżaminat dan l-artikolu li essenzjalment jipprojbixxi li xi ħadd, għal skop ta' qliegħ, jistampa, jikkopja, ibiegħ, iqassam jew mod ieħor joffri għall-bejgħ xi oġġett bi ksur li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur. Il-Kap 415 jiprovdi dwar id-drittijiet ta' awtur u jelenka x'inhu eliġibbli għad-drittijiet ta' l-awtur taħt l-artikolu 3 u jsemmi :

(a) xogħlijiet ta' l-arti;

(b) xogħlijiet awdjo viżivi;
(ċ) databases;
(d) xogħlijiet letterarji;
(e) xogħlijiet mużikali.

U dawn ukoll jinħtieġ li jkollhom element ta' oriġinalita'.

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li dawn il-garage locks jaqgħu taħt xi waħda minn dawn il-kategoriji. Għalhekk qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Għaldaqastant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni dedotti kontrih. Stante li l-imputat għandu fedina penali nadifa, li l-ammont kien żgħir u li kkopera mal-Pulizija, il-Qorti, flok tikkundannha qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien ħmistax-il xahar mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 u qed tordna d-distruzzjoni ta' l-esibiti taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------